

31995L0034

18.7.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 167/19

IT-18-IL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/34/KE

ta' l-10 ta' Lulju 1995

li tadatta għall-progress tekniku l-Annessi II, III, VI u VII tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-ligjijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-ligjijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/32/KEE⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kosmetoloġija,

Billi l-furokoumarini huma magħrufa li huma fotomutageniči u fotokarċinogeniči; billi l-Kumitat Xjentifiku dwar il-Kosmetoloġija ma setax jikkonkludi mill-informazzjoni xjentifika, teknika u epidemiologika disponibbli li t-taħlit tal-filtri protettivi mal-furokoumarini tiggarantixxi s-sigurtà tal-prodotti tal-protezzjoni kontra x-xemx u tal-prodotti tas-smurija li jkun fihom il-furokoumarini 1 fuq mil-livell minimu; filwaqt li, sabiex tige protetta s-saħħha pubblika, hemm bżonn li jiġi llimitati l-furokoumarini għal inqas minn 1 mg/kg f'dawn il-prodotti;

Billi 4-tert-Butyl-3-methoxy-2,6-dinitrotoluene (Musk Ambrette), hu rikonoxxut li hu fotoallerġen qawwi; filwaqt li, fuq il-bażi ta' riċerka xjentifika reċenti, l-użu ta' din is-sustanza fi prodotti kosmetiċi joħloq riskju għas-saħħha umana; billi għalhekk hemm bżonn li l-użu tiegħu jiġi pprojbit;

Billi l-valutazzjoni tossikoloġika tad-Diisobutyl-phenoxy-ethoxy-ethyldimethylbenyl-ammonium chloride (Benzethonium), turi li dan l-ingredjent hu tossikoloġiku sa grad sinifikanti; billi l-marġini tas-sigurtà għas-saħħha umana, meta dan l-ingredjent jintuża fi prodotti kosmetiċi, huwa inadegwat; billi għalhekk hemm bżonn li jiġi pprojbit l-użu tiegħu;

Billi ċ-ċelluli, it-tessut jew il-prodotti ta' oriġini umana jistgħu jittrasmetti l-marda Creutzfelt-Jakob, spongiform encephalopathy umana, u ġertu mard viroloġiku; billi għalhekk hemm bżonn, fid-dawl ta' l-istat preżenti tat-tagħrif xjentifiku, li jiġi pprojbit l-użu tagħhom fi prodotti kosmetiċi;

Billi studji tossikoloġiċi reċenti ta' 3,3-Bis(4-hydroxyphenyl)phtalide (Phenolphthalein*); juru effett klastoġeniku nett *in vitro*; billi l-marġini tas-sigurtà huwa baxx, speċjalment fil-każ tat-tfal; billi għalhekk hemm bżonn li jiġi pprojbit l-użu tiegħu;

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.⁽²⁾ ĠU L 181, tal-15.7.1994, p. 31.

Billi, fuq il-bażi ta' l-aħħar riċerka xjentifika u teknika, 2-Cyano-3,3-diphenyl acrylic acid, jista' jintuża 2-ethylhexyl ester bħala filter ultravjola fi prodotti kosmetiċi;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għall-Progress Tekniki tad-Direttivi dwar it-Tnejħhija ta' l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-Settur tal-Prodotti Kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 76/768/KEE qiegħda b'dan tiġi emendata kif jidher fl-Anness ma' din:

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li mill-1 ta' Lulju 1996 għas-sustanzi li jidħru fl-Anness, la l-fabrikanti u lanqas l-importaturi stabiliti fil-Komunità ma għandhom idħħil fis-suq prodotti li ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 u li jkun fihom sustanzi preskritti fl-Anness ma jinbiegħx jew jiġi pprovduti b'mod ieħor lill-konsumaturi finali wara t-30 ta' Ġunju 1997.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-ligjijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1996. Dawn għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liegħi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Annessi għad-Direttiva 76/768/KEE huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II:

- (a) In-numru ta' referenza 358 qed jinbidel bin-numru li ġej:

“358. Il-furokoumarini (e.g. trioxysalan*, 8-methoxypsonalen, 5-methoxypsonalen) minbarra l-kontenut normali fl-essenzi naturali użati.

Fi prodotti ta' protezzjoni kontra x-xemx u fi prodotti għas-smurija, il-furokoumarini għandhom ikunu taħt 1 mg/kg.”

- (b) In-numri li ġejjin qed jiġu miżjud:

“414. 4-tert-Butyl-3-methoxy-2,6-dinitrotoluene (Musk Ambrette)

415. Diisobutyl-phenoxy-ethoxy-ethyldimethylbenzylammonium chloride (Benzethonium chloride)

416. Iċ-ċelloli, it-tessuti jew il-prodotti ta' oriġini umana

417. 3,3-Bis(4-hydroxyphenyl)phthalide (Phenolphthalein*)”

2. Fl-Anness III, it-2 Parti, in-numru ta' referenza 3 qed jitħassar.

3. L-Anness VI, It-2 Parti:

- (a) In-numru ta' referenza 15 qed jitħassar.

- (b) “tat-30.6.1995” fin-numri ta' referenza 2, 16, 21, 29, 30 qed jinbidel bi “tat-30.6.1996”.

4. L-Anness VII:

- (a) Fl-1 Parti, in-numru ta' referenza li ġej qed jiġi miżjud:

a	b	c	d	e
10	2-cyano-3,3-diphenyl acrylic acid, 2-ethylhexyl ester (Octocrylene)	10 % (espress bħala aċi-du)”		

- (b) Fit-2 Parti, “tat-30.6.1995” fin-numri ta' referenza 2, 5, 6, 12, 13, 17, 25, 26, 29, 32, 33 u 34 qed jinbidel bi “tat-30.6.1996”.